QTM:KRM:03:2019:VGA

Serq – Kap 9, Art. 261 – Serq ikkwalifikat bil-"valur" – Kap 9, Art. 267 – Tentattiv ta' delitt – Kap 9, Art. 41(1)(a – Tħassir b'mezzi oħra ta' ħwejjeg ħaddieħor meta l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-€ 250 – Kap 9, Art. 325(1)(c)

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2019

**Il-Pulizija**
(Spettur Daryl Borg)

***kontra***

**George Grech (K.I. 38261M)**

## Il-Qorti

1. Rat illi l-imputat George Grech, iben Joseph u Carmena nee' Azzopardi mwieled Pieta' nhar is-06 ta' Ottubru 1960 u residenti gewwa 10, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38261M, gie pprezentat taht arrest illum 12 ta' Lulju 2019 u akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

   i. nhar id-09 ta' Dicembru 2017, minn gewwa l-istabbiliment 'Jos Debono Jewellery' li jinsab fi Triq Santa Lucija, Belt Valletta, ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb ghad-detriment ta' Henri Debono Huskinson u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas

minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. nhar l-24 ta' Lulju 2018, minn gewwa l-istabbiliment 'Pavillion Jewellers' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq ghad-detriment ta' Henri Debono Huskinson u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur li huwa ta' aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' hgiega tal-istabbiliment 'Pavillion Jewellers', Triq ir-Repubblika, Belt Valletta ghad-dannu ta' Henri Debono Huskinson u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. u kif ukoll talli nhar id-29 ta' April 2019, minn gewwa l-istabbiliment 'Mc Donalds' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Belt Valletta, ikkommetta serq ta' telefon cellulari, flus kontanti u diversi oggetti ohra ghad-detriment ta' Gabriella Montebello u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat illi l-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li dan kien gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

3. Rat illi l-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Rat illi fis-seduta tal-lum:

i. Il-Qorti kkonvalidat l-arrest tal-imputat;
ii. L-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat.
iii. Bl-applikazzjoni tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt l-ezami tal-imputat skond l-Art. 392 tal-Kap. 9 izda qabel ma' gie ezaminat skond l-Art. 392(1)(b), il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan wiegeb li m'ghandux oggezzjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija.
iv. Il-Qorti saqsiet lill-Uffiċjal Prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali tax il-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u l-istess Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi tali kunsens kien filfatt inghata u ghal dan il-ghan esebixxa il-kunsens mahrug mill-Avukat Generali fl-istess gurnata.
v. Il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkużi u l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih. Il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.
vi. L-imputat rega' kkonferma li hu ħati tar-reati li bihom gie akkużat u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tirreġistra tali ammissjoni.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u tad-difiza dwar il-piena.

**Kunsiderazzjonijiet**

6. Ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

7. Ikkunsidrat ukoll l-fedina penali tal-istess imputat.

**Decide**

8. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi, cioe l-Artikoli 261, 267, 279(a), 279(b), 41(1)(a), 325(1)(c), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjarah recidiv ghall-finijiet tal-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u:**

   i. **Fir-rigward tal-ewwel u r-raba' akkuza tikkundannah ghal <u>erbatax-il xahar prigunerija</u> (seba' xhur prigunerija ghal kull akkuza wara li giet applikata zieda ta' grad fuq il-minimu ta' hames xhur stante r-recidiva tal-imputat)**
   ii. **Fir-rigward tat-tieni akkuza tikkundannah ghal <u>ghaxar xhur prigunerija</u> (wara li giet applikata tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fuq**

**il-piena minima ta' tlettax-il xahar habs ai termini tal-Art. 41(1)(a) u wara li sussegwentement giet applikata zieda ta grad stante r-recidiva tal-imputat oltre zieda minn din il-Qorti ta' xahar prigunerija)**

iii. **Fir-rigward tat-tielet akkuza, il-piena qeghda tigi assorbita f'dik tat-tieni akkuza bl-applikazzjoni tal-Art. 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi r-reat serva bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat rigwardanti t-tieni akkuza.**

Finalment peress illi ma' gew mahtura ebda esperti l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-hati jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**